



Brussell, 18 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

8158/26

LIMITE

CORLX 355  
CFSP/PESC 516  
COMEP 2  
CSC 240

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/976

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/...**

**ta' ...**

**li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea  
għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani u li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2025/976**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 33 flimkien mal-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 1996, il-Kunsill qabel li jaħtar Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani.
- (2) Fl-20 ta' Mejju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/976<sup>1</sup>, li taħtar lis-Sur Christophe BIGOT bħala r-RSUE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani. Il-mandat tar-RSUE jiskadi fil-31 ta' Mejju 2026.
- (3) Ir-riżoluzzjoni tal-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina hija prijorità strateġika għall-Unjoni u l-Unjoni trid tibqa' impenjata b'mod attiv sakemm dak il-kunflitt jissolva abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ Stati.
- (4) L-Unjoni hi impenjata għal paċi komprensiva u dejjiema għar-reġjun tal-Lvant Nofsani kollu u tinsab lesta li taħdem għal dak il-għan flimkien mas-sħab reġjonali u internazzjonali.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/976 tal-20 ta' Mejju 2025 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani (ĠU L, 2025/976, 21.5. 2025, ELI; <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/976/oj>).

- (5) Jenħtieġ li l-mandat tar-RSUE jiġi estiż għal perjodu ulterjuri ta' 21 xahar u li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2026 sad-29 ta' Frar 2028.
- (6) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat fil-kuntest ta' sitwazzjoni reġjonali diffiċli li tista' tiddeterjora u li tista' timpedixxi l-kisba tal-oġġettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/976 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 1*

*Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea*

Is-Sur Christophe BIGOT huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani mit-2 ta' Ġunju 2025 sal-31 ta' Mejju 2026.

Il-mandat tas-Sur Christophe BIGOT bħala r-RSUE għall-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani huwa estiż sad-29 ta' Frar 2028.

Il-Kunsill jista' jiddeċiedi li l-mandat tar-RSUE jintemm qabel, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) u proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-“Rappreżentant Għoli”).”;

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-mandat tar-RSUE għandu jkun ibbażat fuq l-objettiv ġenerali ta' politika ta' paċi ġusta, dejjiema u komprensiva li jenħtieġ li tinkiseb abbażi ta' soluzzjoni ta' żewġ stati, b'Iżrael u Stat Palestinjan demokratiku, kontigwu, vijabbli, paċifiku u sovrann jgħixu maġenb xulxin ġewwa fruntieri siguri u rikonoxxuti, filwaqt li jgawdu relazzjonijiet normali mal-ġirien tagħhom f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSC) rilevanti 242 (1967) u 338 (1973), u filwaqt li jittfakkru Riżoluzzjonijiet tal-UNSC oħra rilevanti, inkluż ir-Riżoluzzjonijiet UNSC 2334 (2016) u 2803 (2025), il-prinċipji ta' Madrid, inkluż art għall-paċi, il-Pjan Direzzjonali, il-ftehimiet li ntlaħqu qabel mill-partijiet, l-Inizjattiva Għarbija għall-Paċi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kwartett tal-Lvant Nofsani tal-1 ta' Lulju 2016. Fid-dawl tal-aspetti differenti tar-relazzjonijiet Iżraeljani-Għarab, id-dimensjoni reġjonali tikkostitwixxi komponent essenzjali għal paċi komprensiva.”

(3) l-Artikolu 3(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) jipprovdi kontribut attiv u effiċjenti mill-Unjoni għal azzjonijiet u inizjattivi li jwasslu għal riżoluzzjoni finali tal-kunflitt bejn Iżrael u l-Palestina abbażi tas-soluzzjoni ta' żewġ Stati u f'konformità mal-parametri tal-Unjoni u r-Riżoluzzjonijiet tal-UNSC rilevanti, inkluż ir-Riżoluzzjonijiet UNSC 2334 (2016) u 2803 (2025), u jressaq proposti għal azzjoni tal-Unjoni f'dan ir-rigward;”;

(b) jiddaħħal il-punt li ġej:

“(da) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan Komprensiv biex Jintemm il-Konflitt ta' Gaża f'konformità mal-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 2803 (2025);”;

(4) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Ir-RSUE ser jagħmel żjarat regolari fir-reġjun u ser jiżgura koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet rilevanti tal-Unjoni fir-reġjun kollu, inkluż l-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea (ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, UNRWA) u d-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat ta' Iżrael, u, permezz tagħhom, mar-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri.”;

(5) fl-Artikolu 5(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa għall-perjodu mill-1 ta' Ġunju 2026 sad-29 ta' Frar 2028 għandu jkun ta' EUR 2 754 227,42”;

(6) fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. It-tim tar-RSUE għandu jitqiegħed fl-istess post tad-dipartiment rilevanti tas-SEAE, mad-Delegazzjoni tal-Unjoni għall-Istat ta' Iżrael u mal-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea (ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, UNRWA) sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza tal-attivitajiet rispettivi tagħhom.”;

(7) l-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, ir-raba' sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-RSUE għandu jipprovdi aġġornamenti regolari lid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u lir-rappreżentanzi diplomatiċi tal-Istati Membri, inkluż lill-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea (ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, UNRWA) u lid-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat ta' Iżrael.”;

(b) fil-paragrafu 2, it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-RSUE, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat ta' Iżrael u l-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Unjoni Ewropea (ix-Xatt tal-Punent u l-Medda ta' Gaża, UNRWA), għandu jipprovdi lill-Kapijiet tal-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea għat-Territorji Palestinjani (EUPOL COPPS) u tal-Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri għall-Punt ta' Qsim ta' Rafah (EUBAM Rafah) bi gwida politika lokali.”;

(8) fl-Artikolu 15, it-tieni sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Ir-RSUE għandu jippreżenta rapporti ta' progress regolari lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u rapport komprensiv finali dwar l-implementazzjoni tal-mandat sat-30 ta' Novembru 2027.”.

*Artikolu 2*  
*Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

